MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 763/1997/1

Rikors Numru: 763/97

Emanuel Camilleri
vs
L-Onor Prim Ministru in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta, Chairman, Public Service Commission u Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru

Illum 11 ta' Novembru 2004

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrent fil-31 ta' Ottubru 1997 fejn wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, huwa garrab ingustizzja fl-impieg tieghu fis-Servizz Civili.

Illi f'Mejju 1987 huwa kien jokkupa l-kariga ta' Manager, Computer Centre u ghalhekk Head of Department Grade

II. F'dik id-data kien hemm tlieta ohra fis-servizz civili li kienu Heads of Department Grade II. Wara l-bidla fil-gvern numru ta' ufficjali pubblici inhatru ghas-"substantive grade" ta' Segretarji. Kollha kienu junior tar-rikorrent. Kien ir-rikorrent u Salvu Fenech biss li nqabzu.

Illi f'Dicembru 1992 huwa gie assimilat fil-Grade 3 b'effett mill-1 ta' Jannar 1991. L-ufficjali li kienu nhatru segretarji gew kollha assimilati jew fi Grade 2 jew fi Grade 1. Huwa kien l-uniku ufficjal li ma nghatax 'performance agreement' ghal avvanz ghal grad oghla u ghal hatra fis-2 substative post". B'hekk ufficjali "junior" ghar-rikorrent saret possibbli biss permezz ta' "performance agreement", ir-rikorrent gie ippregudikat milli javvanza. Apparti dan, xi ufficjali gew promossi ghal gradi oghla, anke minghajr ma segwu l-procedura miftehma msemmija.
Illi f'Lulju 1992 inhatru hdax il-Permanent Secretaries. Barra wiehed kollha kienu Junior ghar-rikorrent u anqas kwalifikati minnu.

Illi aktar tard fil-1992 inhatru tnax –il Director General (Officer in Grade 3). Ir-rikorrent li kien fi grade 3 ma nghatax dmirijiet ta' Director General. Huwa biss minn dawk li kienu fi Grade 3 ma inhatarx Director General. Barra wiehed, dawk li inhatru kienu kollha junior tieghu.

Illi fl-istess snin l-awtorita' tar-rikorrent bhala Kap tal-Komputer Centre kienet kontinwament imminata minn persuni barra is-Servizz Civili imqabbda direttament mill-Gvern. U saru hafna hatriet ohra ta' Direttur, Diretturi Generali u Segretarji Permanenti u r-rikorrent dejjem inqabez.

Illi f'Jannar 1994 huwa gie ttrasferit ghal VAT Department, fejn sab ruhu taht ufficjal li kien junior tieghu, u meta il-Kummissarju tal-VAT kien ikun assenti huwa ma kienx jinhatar Acting Commissioner.

Illi l-ingustizzji kommessi mar-rikorrent fil-perjodu imsemmi huwa mfissra minnu fl-ittra li huwa baghat lis-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru fil-5 ta' April 1995. (Ara Dok 1)

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilmenti imsemmija skond l-Att VIII tal-1997 u jiddikjara li r-rikorrent garrab numru ta' ingustizzji fil-perjodu in kwistjoni fl-impieg tieghu fis-Servizz Civili kif jirrizulta fit-trattazzjoni tar-Rikors, u jordna li r-rikorrent ghandu jinghata "substantive post of Officer in grade I" fis-Servizz Civili u jkollu is-seniority li huwa kellu skond l-istaff list ta' Mejju 1987 u jordna li r-rikorrent ghandu jigi kumpensat ghad-differenza fis-salarju li huwa bata' bejn Mejju 1987 u Mejju 1991 u cioe` bejn dak ta' Grade II u dak ta' Grade I, u inoltre li r-rikorrent ghandu jigu kumpensat ghat-telf li sofra ta' "performance Bonuses" ta' bejn 5% u 15% tas-salarju ta' grade 1 ghall-perjodu bejn Jannar 1991 u Mejju 1995.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fejn wiegeb:

1. Illi ma jirrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrent, is-Sur Emanuel Camilleri, qatt ghamel xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif seta' jaghmel taht il-klawsola 1.1.7. ta' l-Estacode dwar l-ilment relatat mal-hatriet ta' Segretarji Permanenti li saru f'Lulju 1992 u ta' Diretturi Generali (Officers in Grade 3), li saru aktar tard fl-istess sena. Il-Kummissjoni qed tirreleva dan ghal fini ta' l-artikolu 5 (3) (b) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

2. Illi, fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux guridizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

3. Illi, minghajr pregudizzju jinghad li skond l-Artiklu 92(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta il-hatra ta' Segretarji Permaneneti (Grade 2) issir mill-President skond il-parir tal-Prim Ministru moghti wara li l-Prim Ministru jkun ikkondulta mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

4. Illi, skond l-Artiklu 92(4) tal-Kostituzzjoni l-kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern, bhal ma huma id-Diretturi Generali (Grade 3) msemmija mir-rikorrent, jigu mahtura minn fost ufficjali pubblici anzjani mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u mhux fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

5. Illi, ma jirrizultax lill-Kummissjoni li hi qatt giet mitluba sabiex taghmel xi rakkomandazzjoni jew biex tati parir lill-Prim Ministru dwar xi hatra ta' agent direttur jew agent Kummissarju tad-Dipartiment tal-VAT.

Ra r-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru u Segretarju Permanenti fl-ufficcju tal-Prim Ministru fejn wiegbu:-

1. Illi la l-Prim Ministru u lanqas is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru ma huma l-legittimi kontradittur ta' dik il-parti tar-rikors li tittratta l-hatriet ghal-Segretarju Permanenti stante li tali isiru mill-President tar-Repubblika.

2. Illi s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ta' dik il-parti ta' l-ilment li titratta hatriet ta' Segretarju u ta' Direttur Generali stante li tali hatriet isiru mill-Prim Ministru.

3. Illi l-hatriet kollha ta' Segretarju Permanenti, ta' Segretarju u ta' Direttur Generali u 'acting appointment' ghall-istess gradi, jsiru fit-termini ta' l-Art.92 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, liema Artiklu ma jipprovdix li tali hatriet ghadhom jinghataw skond l-anzjanita.

4. Illi ghalkemm l-anzjanita fost l-Ufficcjali Pubblici tinghata l-konsiderazzjonijiet li jixirqilha, mhix il-kriterju determinanti li fuqu ssir l-ghazla ta' Segretarju Permanenti, ta' Segretarju u ta' Direttur Generali.

5. Illi meta saru l-hatriet ta' Segretarju Permanenti u ta' Direttur Generali fl-okkazzjonijiet indikati mir-rikorrent, dan ma nhassx li kien l-aktar ufficcjal idoneju ghal xi wiehed mill-postijiet li kellhom jimtlew.

6. Illi l-post li kien jokkupa r-rikorrent, dak ta’ Manager Computer Centre (Head II-Sala Skalarji 4) gie definitivament assimilat fi Skala Salarjali 3, u r-rikorrent inghata s-substantive grade ta’ ‘officer in grade 3’.

7. Illi r-rikorrent ma ghandux dritt ghal ‘Performance Bonus’ stante li dan ghandhom dritt ghalih dawk li ghandhom hatra ta’ Direttur jew grad oghla a bazi ta’ ‘Performance Agreement’, dan il-bonus jinghata meta jintlahqu t-targets indikati bhala parti mill-ftehim.

8. Ghaldaqstant, l-intimati talbu lil dan it-Tribunal joghgbu ma jilqax it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti mill-intimat.
Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti kollha u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f’din il-kawza r-rikorent qed jaghmel tlett talbiet principali, wahda li jinghata s-“substantive grade” ta’ fizzjal fi grad 1 fis-servizz civili skond is-seniority ta’ l-staff list f’Mejju 1987. It-tieni jigi kumpensat fid-differenza tas-salarju bejn Mejju 1987 u Mejju 1991 u cioe` dak ta’ bejn skala 2 u skala 1 u t-tielet jigi kkumpensat ghat-telf ta’ performance bonus bejn 5 u 15 % tas-salarju skala 1 bejn Jannar 1991 u 1995.

L-ewwel talba tar-rikorrent tinvolvi l-oghla pozizzjoni fis-servizz civili, liema pozizzjoni tinkludi fost l-ohrajn il-Kap tac-Civil u s-Segretarju tal-Kabinett. Warajhom hemm il-pozizzjonijiet gholja ta’ Permanent Secretary, Director General, Director u Assistant Director. Ir-rikorrent qed jilmenta li ma giex mahtur f’wahda minn dawn l-erba’ pozizzjonijiet bejn Mejju 1987 u Mejju 1991 minkejja li huwa kien l-aktar wiehed anzjan kif ukoll l-aktar wiehed kwalifikat biex jokkupa dawn il-karigi.

Ikkunsidra

Illi rigward il-kwalifiki tar-rikorrent it-Tribunal m’ghandu l-ebda dubju. Dan huwa bniedem tekniku u kkwalifikat fil-qasam ta’ specjalizzazzjoni tieghu dik ta’ kompjuterizzazzjoni u l-accountancy.

L-assocjazjoni tar-rikorrent mal-Gvern Malti tidher li bdiet ghall-habta ta’ l-1979 meta gie komisjonat biex jipprepara rapport ghal Gvern Malti dwar it-twaqqif tac-centru tal-kompjuter ghall-Gvern u pprezenta rapport f’Ottubru 1979. Wara dan hemm sensiela ta’ seba’ rapporti ohra kollha maghmula mir-rikorrent bejn l-1980 u l-1982. Aktar tard gie mahtur biex iwaqqaf ic-centru tal-kompjuter tas-Swatar. Dan ghamlu bl-aktar mod professjonali u efficjenti sakemm spicca biex gie moghti pozizzjoni diretta mal-Gvern fl-20 ta’ Lulju 1985 meta gie mahtur “Computer Project Manager”. Fl-1 ta’ Awissu 1986 it-titlu tieghu nbidel ghal the “Manager Computer Centre” u baqa’ jahdem fil-qasam tal-kompjuterizzazzjoni ghal xi zmien meta fl-ahhar, f’Jannar 1994 huwa gie trasferit fl-ufficju tal-VAT fil-Ministeru tal-Finanzi. Fit-22 ta’ Dicembru 1998 gie mahtur “Director General Special Projects” fl-istess Ministeru tal-Finanzi.

Irrizulta pero` li l-operat tar-rikorrent fil-computer centre ma kienx wiehed minghajr problemi, tant hu hekk, li ghall-habta 1991 saru rapporti kunfidenzjali fil-konfront tar-rikorrent li ma kienu xejn pozittivi (fol 88/90). Jista’ jaghti l-kaz illi t-trasferiment tieghu l-finanzi kien konsegwenza diretta ta’ l-operat ta’ l-istess rikorrent. Jibqa’ l-fatt pero` li hu qed jallega illi kellu jinhatar f’pozizzjoni ta’ Permanent Secretary u Director General ferm qabel ma ha din l-ahhar pozizzjoni.

Ikkunsidra

It-Tribunal jinnota li l-pozizzjonijiet ta’ Permanent Secretary, Director General, Director u Assistant Director huma hatriet “to a position” li ma jaghtux dritt ghal appointment permanenti. Din il-hatra hija ghal tlett snin u tiggeded ghal tlett snin ohra jekk min ikun jokkupa l-post ikun ghamel success minnu. Joe Izzo Director General fil-

Management and Personnel Office, a fol 233 jispjega l-istruttura li kienet tezisti fic-civil dwar il-hatriet ta' dawn l-ufficjali gholjin kif ukoll l-iskali li kienu jezistu mas-servizz civili qabel l-1991 u wara r-riforma ta' l-1991. Spjega kif il-hatra ta' Direttur jew Direttur Generali issir wara sejha ghall-applikazzjonijiet fejn l-applikanti jkunu short listed, isir l-interview, imbaghad l-ghazla mis-"senior appointments committee" liema ghazla tintbaghat lil PSC ghar-rikomandazzjonijiet taghha.

Is-Segretarji Permanenti pero` huma appuntati mill-President tar-Repubblika fuq parir mill-Prim Ministru wara li jikkonsulta mal-PSC. Spjega ukoll kif l-element tas-seniority ma baqax aktar daqshekk importanti wara r-riforma ta' l-1991 u l-aktar importanti, li qatt ma kien hemm sejha ghal pozizzjoni ta' Director General fil-qasam tal-"Information Technology."

It-Tribunal jinnota illi fl-ghazla ta' Segretarju Permanenti hemm element ta' politika involut peress li ssir mill-Prim Ministru liema ghazla pero trid tigi approvata mill-President. Jibqa' l-fatt, li l-Prim Ministru ghandu rwol importanti fil-hatra ta' din in-nomina u t-Tribunal m'ghandux il-gurisdizzjoni li jissindika ghazliet fuq bazi politici ta' l-ezekuttiv. Min-naha l-ohra, l-ghazliet ta' Director Generals, Directors u Assistant Directors bhal ma diga inghad, huma hatriet "to a position" b'kuntratt ghal tlett snin. Min jokkupa dawn il-pozizzjonijiet irid ikun odoneju u espert fil-qasam tieghu. M'hemmx dubju li fil-qasam li opera fih ir-rikorrent huwa espert u bniedem tekniku, pero` mid-dokumenti li gew prezentati f'dawn l-atti ma jirrizultax li qatt saret xi hatra ta' Director General fil-qasam tal-informazzjoni teknologika.

Illum ir-rikorrent jinsab fil-Ministeru tal-Finanzi u jokkupa l-pozizzjoni ta' Director General pero`, fi zmien lamentat minnu ma kienx hemm pozizzjoni li ghalih huwa seta' japplika fejn seta' juza il-kapacitajiet teknici tieghu. L-unika qasam li seta' ghamel kontribut tekniku kien fil-"computer centre" fejn kif diga inghad, inqalghu l-problemi fl-1991 tant li kellu jitnehha minn dak il-post. Pero`, bit-tnehhija ma giex affettwat is-substantive grade tieghu.

Minkejja li ntbaghat fid-Dipartiment tal-Finanzi jirraporta ghas-superjur tieghu li kien inferjur fl-anzjanita`, ir-rikorrent ma tilifx il-grad tieghu.

Ir-rikorrent jaghmel hafna kapital mill-allegazzjoni li huwa kien l-unika wiehed jew mill-ftit, illi ma ntaghzlux ghal pozizzjoni ta' Director General. It-Tribunal jinnota pero` li dan ma kienx il-kaz. Mix-xhieda ta' Joe Izzo a fol 404 jirrizulta illi meta saru l-ewwel hatriet ghal Director Generals b'effett mill-1 ta' Gunju 1993 kien hemm ufficjali ohra fi grad 3, dik tar-rikorrent, li ma hadux il-pozizzjoni ta' Director General jew Performance agreement. Dawn kienu Antonia Borg Grech, ir-rikorrent, Michael Sant, Emanuel C. Farrugia, Louis Spiteri, Charles Delia, Alfred Chircop u Adriano Gouder. F'Mejju 1995 kien hemm 4 ufficjali minghajr "performance agreement", dawn kienu r-rikorrent, Emanuel C Farrugia, Louis Spiteri u Charles Delia (fol 402). Ir-rikorrent ukoll isemmi l-kaz ta' John Gatt li spicca Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja kif dan min skala baxxa qabez hafna nies li kienu seniors tieghu biex sar Permanent Secretary. Kif diga inghad, it-Tribunal mhuwiex sejjer jissendika d-decizzjonijiet ta' l-ezekuttiv biex jaghmel dawn it-tip ta' hatriet peress li hemm element ta' politika fihom. Pero` ghal hatriet l-ohra illi jirrigwardaw id-Director General it-Tribunal ma jarax illi saret xi ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent fi zminijiet illi huwa qieghed jilmenta. Principalment ghal fatt illi dak iz-zmien ma kienx hemm pozizzjoni li fiha seta' jokkupa r-rikorrent fil-qasam tieghu tat-teknologija informatika.

Fil-kors tas-smiegh tax-xhieda r-rikorrent ghal darba, tnejn tlieta esebixxa affidavit u prospetti dwar il-kapacitajiet tieghu u l-mod kif gie trattat fil-karriera tieghu mal-gvern. It-Tribunal wisq jissuspetta illi kif ta' spiss jigri f'dawn il-kazijiet kulhadd jaf idoqq it-trumbetta tieghu u m'hemmx dubju li xi illuzzjonijiet fil-karriera tieghu fis-servizz civili ma naqsux. Ir-rikorrent pero` ghamel kapital minn dawn l-illuzjonijiet u ddiskrivihom bhala ingustizzji fil-konfront tieghu. It-Tribunal hu tal-fehma illi mehud in konsiderazzjoni il-kapacitajiet teknici tar-rikorrent dan assuma certa arja ta' superjorita` fuq il-haddiema tieghu u anki kollegi biex waslu ghal certa antipatija lejh li, min-

naha tieghu, rreagixxa b'mod illi seta' ma kienx daqshekk pozittiv fil-konfront ta' min kien qieghed f'kuntatt mieghu. Dan seta' jwassal ghar- rapporti negattivi illi saru fil-konfront tieghu a fol 88 u 90 tal-process. Pero` jirrizalu biss ghal 1991 u ma jidhirx illi kien hemm xi ncidenti ohra wara din id-data. Biss biss, Joseph Portelli ex Kummissarju tal-VAT a fol 153 jiddiskrivi lir-rikorrent bhala persuna kompetenti u kapaci hafna fil-metodologija ta' "decision making."

Dawn huma fil-fatt xi whud mill-kweziti rikjesti ghal min ikun jokkupa kariga gholja fis-servizz civili bhal ma jokkupa r-rikorrent. Jekk dawn pero` kienux sufficjenti biex iwasslu lir-rikorrent ghal hatra ta' Direttur Generali f'qasam li hu ma kienx espert fiha kif donnu qed jippretendi r-rikorrent, dan it-Tribunal ghandu d-dubju tieghu. Hu x'inhu, applikant ikun irid jghaddi mill-arbil ta' process ta' ghazla sofistikat u dettaljat biex is-servizz civili jaccerta ruhu mill-ahjar elementi ghal promozzjonijiet meritati. Dan il-process jidher illi gie attwat fil-konfont tar-rikorrent kul meta huwa applika ghal pozizzjoni ta' Director General. Fil-fatt irrizulta li applika tlett darbiet darba fl-1992, darb'ohra fl-1994 u darb'ohra fl-1995 din l-ahhar applikazzjoni wara t-terminu tal-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal. Fil-fatt il-hatra tieghu ta' "Director General Special Projects" fl-1998 ukoll tmur oltre l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

Ghalhekk jibqghu biss zewg applikazzjonijiet ta' l-1992 u 1994 li kif diga inghad ma jirrizulta xejn irregolari fin-nuqqas ta' dawn il-hatriet u jekk ir-rikorrent dak iz-zmien ma ntghazilx biex jokkupa xi post vakat, dan mhuwiex attribut ghal xi ngustizzja jew diskriminazzjoni fil-konfront tieghu izda biss ghal fatt li dak iz-zmien ma kienx l-iktar persuna idonja biex jokkupa l-post, bhal ma kien hemm ufficjali ohra bhalu li wkoll ma ntghazlux biex jokkupaw il-post ta' Diretturi Generali.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------